# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell  Numru: 32/2012**

**ELAINE sive SHAUN BONELLO**

**Vs**

**HSBC BANK MALTA PLC**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2160 deciza mit-Tribunal Industrijali fl-10 ta' Lulju 2012, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

'*Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Elaine sive Shaun Bonello prezentat fir-Registru tal-Qorti fil-5 ta' Jannar 2010 tramite l-avukat Dottor Owen Bonnici. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.*

***Dikjarazzjonijiet***

*Ir-Rikorrent jghid li huwa kien impjegat mas-socjeta` intimata bhala Supervisor u dana b'sehh minn Novembru 2004, fuq kuntratt tax-xoghol li originarjament kien ghal zmien definit izda eventwalment gie fuq kuntratt ghal zmien indefinit. Jghid li fit-12 ta' Ottubru 2009 is-socjeta` intimata keccietu ingustament b'decizjoni li giet ikkonfermata b'decizjoni tal-Bord Intern ta' l-Appell tas-27 ta' Novembru 2009. Jghid li tali tkeccija kienet ingusta u illegali u talab li jigi kkumpensat skont il-ligi. Permezz tal-istatement of case tieghu ir-rikorrent zied li f'Jannar 2006 huwa beda jahdem bix-shift u li f'April 2008 huwa kien gie promos ghal supervisor. Huwa pprezenta zewg stqarrijiet li ghamel lill-Bank fit-3 ta' Settembru 2009.*

*Il-Bank intimat ipprezenta d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu fid-9 ta' Marzu 2010, fejn inghad li r-rikorrent kien supervisor fil-Cash Centre meta fit-12 t' Ottubru 2009 huwa tkecca mill-impieg tieghu wara li gew segwiti l-proceduri interni ta' dixxiplina skond il-Ftehim Kollettiv. Jinghad li fid-29 ta' Awwissu 2009 ir-rikorrent inqabad fuq is-CCTV jiehu mitt ewro (€100) mill-kaxxa tal-flus ta' impjegata ohra tal-kumpanija, Esther Said, li kienet qed tahdem bhala coin cashier fil-Coins Room tal-Cash Centre. Jinghad li r-rikorent ammetta li ha l-flus, izda qal lis-security li huwa kien talab lil Esther Said biex dawn jingibdulu mill-kont bankarju tieghu. Jinghad li anke kieku dan kellu jkun veru, xorta r-rikorrent ma segwiex il-proceduri necessarji u l-appellant agixxa b'mod sleajali u abbusiv fil-konfront ta' l-impjegati l-ohra fid-dipartiment tieghu.*

*Jinghad ukoll li diversi kollegi ohra tar-rikorrent kellhom ukoll incidenti simili fejn ir-rikorrent mar jghinhom jippakkjaw il-flus, gibdilhom l-attenzjoni li l-band ta' pakkett flus kienet mqatta u, wara li tefa' l-karti tal-flus sfuzi fil-kexxun, huma sabu differenza ta' flus nieqsa fit-till taghhom. Jinghad li wara investigazzjoni interna gie rakkomandat li jittiehdu l-passi dixxiplinari skond il-ftehim kollettiv; ir-rikorrent deher quddiem il-bord tad-dixxiplina intern skond il-ftehim kollettiv u gie deciz li l-appellant kellu jigi mkecci mill-impieg tieghu sommarjament peres li nstab li l-kumpanija kellha suspett ragonevoli li rrikorrent immisaproprjija l-flus in kwistjoni; din id-decizjoni giet ikkonfermata fl-appell. Jinghad li ghalhekk il-kumpanija kienet gustifikata tkecci lir-rikorrent mill-impieg. Il-Bank intimat esebixxa numru ta' dokumenti, inkluzi minuti ta' x'gara dak iz-zmien tal-incident, decizjoni tal Bord tal-appell, decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina, estratt mill-Ftehim kollettiv li jinkludi lista tal-atti li jikkwalifikaw bhala "gross misconduct", stqarrijiet (uhud mhux datati) ta' xi*

*haddiema kif ukoll kopja ta' bicca karta li fuqha kien hemm indikat in-numru ta' kont bankarju u c-cifra ta' €100.*

***Il-Provi migjuba***

*Il-Bank intimat beda billi ipproduca lill-Human Resources Relationship Manager David Perotti li ha hsieb it-tmexxija tal-investigazzjoni tar-rikorrent li saret minn Mario Bartolo u Joseph Fenech, u wara li sab li kien hemm provi sufficjenti ta' misapproprijazzjoni ta' flus mir-rikorrent, infetahlu kaz ta' dixxiplina skond il-Ftehim Kollettiv a bazi ta' "gross misconduct".*

*Xehed is-Security Manager Mario Bartolo li spjega kif sehh l-incident in kwistjoni is-Sibt 29 t'Awwissu 2009 meta huwa ma kienx xoghol; it-Tnejn ta' wara (31 ta' Awwissu 2009) il-manager tal-Cash Centre Henry Aquilina infurmah bil-kaz suspettuz fejn Esther Said sabet diskrepanza ta' €100. Bhal ma jigri f'dawn il-kazijiet is-supervisors imorru jghinu lill-kaxxiera tintracca l-ammont nieqes, u jekk tibqa' ma tinstabx spjega, l-ammont jitqies "short".*

*Jghid li l-Cash Centre ghandu numru kbir ta' cameras u "prattikament kull movement li jaghmel bniedem fl-area tal-Cash Centre tigi maqbuda specjalment f'certi areas fejn jigu handiljati l-flus." Dawn il-cameras qeghdin pozizzjonati fejn jidhru u allura l-impjegati jafu fejn qeghdin. Imma fil-jum in kwistjoni Shaun Bonello mar fil-Coin-Room hdejn Esther Said u f'hin minnhom dan ressaq it-'till' bil-flus lejn naha li ma tinqabadx sew bil-cameras.*

*Jidher li Bonello fetah pakkett ta' karti tal-€50 u minn 100 karta ha tnejn u poggihom gol-counting-machine; imbaghad ha zewg karti loose minn fuq id-desk ta' Said u ziedhom fil-magna: il-magna ghaddet 100 karta. Fl-ebda hin ma jidher ir-Rikorrent jikteb l-account number tieghu fuq bicca karta zghira. Jghid li imbaghad kien jumejn wara (l-Erbgha 2 ta' Settembru) li kellem lil Bonello fil-prezenza ta' Joseph Fenech mill-Audit Department. Jghid li dettall krucjali kien li Bonello qalilhom li huwa verament ha €100 imma dawn kienu intizi jinqatghu mill-kont tieghu; madankollu Bonello qalilhom li biex Esther tehodhom mill-kont tieghu huwa taha l-identity card number tieghu biex bih tfittex l-account number tieghu u jkun jista' jsir il-withdrawal. Jghid li Bonello ma kellux risposta meta mistoqsi ghalxiex ma hax il-flus mill-karti loose li kien hemm fuq id-desk mill-ewwel. Jghid li talab lil Bonello jikteb l-istorja kif jafha hu, bhala statement, u qallu biex izid dak li jrid jekk huwa jiftakar xi haga ohra.*

*Aktar tard Bonello qallu li kien hemm karta miktuba minnu li nsabet mill-cleaner mal-garbage: kien fiha n-numru tal-kont u c-cifra ta' mitt Euro. Jghid li din il-borza ingiebet taht camera diga' parzjalment miftuha; jghid li mill-footage jidher Shaun idahhal idu fil-borza diversi drabi qabel ma nstabet il-karta.*

*Dan ix-xhud esebixxa DVD bil-footages relevanti.*

*John Sammut, Head of Audit xhed fuq dak li kienu qalulu li gara. Gie mistoqsi dwar procedura ghal gbid ta' flus minn impjegati tal-bank u irrisponda li huwa kien fil-pozizzjoni ta' kaxxier madwar 30 sena ilu u allura l-proceduri jinbidlu.Jghid li fil-prezent il-Bank kien qed jippermetti withdrawals it-Tnejn u l-Hamis u kien hemm bzonn jimtela voucher: il-kaz in kwistjoni gara` s-Sibt u ma rrizultax li sar il-voucher. Huwa ghamel rapport fuq dak li gie rappurtat lilu.*

*Meta d-difensur tar-rikorrent insista li mhux minnu li s-CCTV juru lir-rikorrent idahhal idu fil-borza, l-ewwel qal li ra s-CCTV u wara qal li ma rahiex hu (folio 164). Pierre Grixti, manager Cash Centre tkellem dwar Dokument SB13 (folio 33) li huwa petizzjoni tat-12 ta' Frar 2009 minn diversi haddiema biex ikunu awtorizzati jigbdu flus mill-Cash Centre; fuq l-istess dokuemnt huwa ghamel nota fl-24 ta' Frar 2009 fejn wera x-xewqa li tali transazzjonijet isiru t-Tnejn u l-Hamis. Din il-petition saret ghaliex huwa kien ikun irid il-haddiema juzaw l-ATMs. Jghid li s-sistema kellha tahdem billi l-impjegat jibghat email lillmanagement fejn jghid kemm irid jigbed u minn liema kont; xi hadd millmanagement jghaddi t-talba lis-supervisor tad-Deposit Area biex jirregistraha, u dan itiha lil wiehed mill-kaxxiera basta ma jkunx min qed jitlob li jigbed il-flus stess. Il-kaxxier ipoggi l-flus go envelope u jtih lis-supervisor li imbaghad jaghaddih lil min ikun talab il-flus. Jghid li din il-procedura dahlet wara l-petition u spjegaha lill-impjegati diversi drabi, u baqghet tintuza.*

*L-assistant manager fil-cash centre, Henry Aquilina xhed li huwa jhaddem is-CCTV, u dakinhar tad-29 t'Awwissu 2009 f'xi l-5.00pm Esther Said gie titolbu tara l-filmati ghaliex naqsulha €100 b'mod misterjuz. Huma bdew jaraw il-filmati flimkien. Innotaw li fil-hin li Shaun Bonello kien fil-coin-room jghin lil Esther Said, dan kellu pakkett flus minghar band. Marru jfittxu fil-coin-room u sabu band imqatta' bit-timbru ta' Esther Said. Dwar il-gbid ta' flus, huwa jghid li skond il-proceduri tal-bank ir-rikorrent kellu "jkollu voucher iffirmata, awtorizzata jew inkella xi karta awtorizzata minghand is-supervisor jew ilmanager."*

*Jekk ikun supervisor hu stess, ma jistax jawtorizza lilu nnifsu.*

*Dawn il-vouchers suppost jimtlew qabel jingibdu l-flus, u ma jafx kienx hemm okkazjonijiet fejn imtlew wara. Tali vouchers huma bzonjuzi ghaliex imbaghad jingabru u jigu arkivjati. Fl-ahhar tal-gurnata l-kaxxiera gieli jispiccaw bi flus zejda jew nieqsa, imma mhux spiss. Jghid li mir-Rikorrent qatt ma kellu ilment, imma dan m'ghamilx sew meta ha l-flus mill-kexxun ta' Said. Jghid li dakinhar tal-investigazzjoni hadd ma semma withdrawal. Dan ix-xhud sar jaf bil-karta z-zghira li instabet go borza bil-karti ghar-rimi, imam jichad li l-karta z-zghira sabitha l-cleaner, ghax skond hu sabha r-rikorrent.*

*Jghid li din instabet fl-istess borza li fiha erbat ijiem qabel hu u Esther kienu sabu l-band ittimbrat u mqatta. Jghid li dawn il-boroz jinghalqu b'ghoqda. Jghid li meta kienu ser ifittxu f'din il-borza t-tieni darba, l-borza gabitha l-cleaner.*

*Esther Said xhedet kif fil-jum in kwistjoni r-rikorrent gie jistaqsiha ghandhiex bzonn ghajnuna u hi accettat: huwa beda jigbor il-pakketti ta' 100 karti tal-flus li kienet preparat hi u jpoggihom hamsa hamsa go boroz. Tghid li f'xi hin ratu b'idu fil-but donnu jfittex xi haga, u meta staqsietu x'gara qalilha li kien qed ifittex il-biro. Imbaghad ratu "jiehu n-notes li kienu loose, kienu fil-holder tal-cash."*

*Tghid li meta staqsietu ghalfejn kien qed imiss dawk huwa qalilha li kellu bzonn jaqqad pakkett iehor ta' 100 karta sabiex ikollu hames pakketti u jqieghedhom go borza ta' hamsa; tghid li ma haditx gost b'dan ghaliex hadd ma kellu jedd imissilha l-flus loose. Meta imbaghad sabet €100 nieqsa, qalet lir-rikorrent b'dan u gie jfittex maghha, imma ma nstabux. Giet ukoll il-line manager li ccekkjatilha l-vouchers ukoll, u ma nstab xejn hazin. Tghid li rrikorrent qal lill-manager li ma kien gara xejn gravi ghaliex il-€100 jghaddu max-shortages. Il-manager Josette Bajada Brown qablet li jsir hekk, imma x-xhud baqghet thewden fuq dak li rat lir-rikorrent imiss il-flus loose. Hija kienet certa li kellha kollox sew, u ghalhekk marret ghand ta' fuqha biex jaraw jidhirx xi haga fuq is-CCTV. Kien hawn li rat lir-Rikorrent ipoggi zewg karti tal-€50 ma pakkett fil-counting-machine. Qalet li xi jiem wara r-rikorrent cemplilha biex jghidilha li ghandha tiftakar li hu kien talabha withdrawal ta' €100, u insistiet li qatt ma sar diskors ta' dan it-tip. Tinsisti wkoll li l-karta z-zghira li jsemmi r-rikorrent qatt ma ratha qabel. Ix-xhud tikkonferma l-procedura tal-withdrawals kif spjegaha Pierre Grixti, imma tghid li qabel is-sistema kienet aktar laxka fis-sens li kienet tintalab awtorizzazzjoni mis-supervisor li jikteb karta bid-dettalji. Tghid li bejn il-hin li rat lir-rikorrent b'idu fil-but ghal meta indunat li kellha l-flus nieqsa ghaddew hamsa u erbghin minuta l-iktar.*

*Assistant manager Marie Josette Bajada Abraham tghid li fil-jum in kwistjoni innutat lir-rikorrent fil-coin room jghin lil Esther Said minhabba problema ta' shortage. Meta ma setghux isolvuha, qalet lil Said iggib l-awtorizzazzjoni talmanager biex tghaddiha bhala shortage. Ix-xhud Joseph Fenech ghamel referenza ghall-filmati mehuda mis-CCTV cameras tal-bank u li gew registrati fuq 3 DVDs. Tnejn mid-DVDs huma tal-coin-room tad-29 t'Awwissu 2009. Bazikament dawn juru kif ir-rikorrent dahal hejn Esther Said u wara xi hin jitkellmu huwa ressaqilha t-till u wara li ressaq diversi pakketti ta' flus mghaqqdin, huwa anke jidher ipoggi mazz flus bla tag jew band fil-counting machine u jzidilha zewg karti ohra tal-€50 mill-flus loose fuq id-desk – haga li qatt ma kellha ssir minn persuna li mhix il-kaxxiera.*

*Imbaghad it-tielet DVD huwa tat-2 ta' Settembru 2009 u tirrigwarda l-ftuh tal-borza li kien fiha hafna karti ghar-rimi. Il-borza tidher tingarr mill-cleaner maghluqa, imbaghad aktar tard tidher tingieb mir-rikorrent miftuha u mpoggija fuq desk. Ir-rikorrent jibda jfittex fiha wahdu, u anke jdahhal idu fiha, u wara xi hin tigi l-cleaner tghinu jfittex. In kontro-ezami jispecifika li meta r-rikorrent gie interogat fit-2 ta' Settembru 2009 huwa kien qalilhom li l-flus hadhom biex jitnaqqsulu mill-kont tieghu, u indika li lil Esther Said qalilha biex issib l-account number tieghu billi verbalment taha n-numru tal-identita`. Kien biss ftit hin wara li r-rikorrent mar gab il-borza tal-karti biex fiha tigi mfittxija l-karta allegatament miktuba minnu. Fl-interrogazzjoni l-karta ma ssemmietx. Ir-Rikorrent beda l-provi tieghu billi ressaq lil Henry Aquilina li pprezenta rendikont tax-shortages u overs li ghamlet Esther Said matul is-snin 2008, 2009 u 2010. Huwa spjega li fl-2008 il-haddiema kellhom pressjoni ta' xoghol minhaba li qlibna minn flus Maltin ghal Euro, u allura saru aktar zbalji. Jghid li huwa kien jikkonsidra lir-rikorrent bhala kaxxier tajjeb.*

*Xhed imbaghad Michael Xuereb li qal li huwa kustodju fil-valut tal-HSBC Bank fis-sens li jigbor il-pakketti tal-flus minn ghand il-kaxxiera, jerga' jiccekkjahom u jibghathom il-Bank Centrali mal-courier. Jghid li qatt ma kellu kaz li l-Bank Centrali infurmawh li sar xi zball fl-ghadd tal-flus, imma jaf li bhala procedura jekk isir xi zball il-Bank jigi infurmat bil-miktub.*

*Ir-rikorrent xhed li fl-2003 huwa kien dahal jahdem mal-bank intimat bhala kaxxier part-time, imbaghad inghata impieg full-time, u sussegwentement inghata promozzjoni ghal supervisor f'April 2009. Dakinhar tal-incident in kwistjoni fid-29 t'April 2009 huwa dahal xoghol fis-7:30 ta' fil-ghodu u ntbaghat fil-vault tal-Cash Centre. F'xi hin wara l-10:00 mar*

*jara l-kaxxiera kellhiex bzonn xi haga, u din qaltlu li seta' jghinha tghaqqad il-pakketti tal-flus.*

*Jghid li din setghet tfisser zewg affarijiet: jew li jigbor il-pakketti gia` migbura f'ammont ta' 100 permezz ta' tag b'dan li meta jkollu 5 pakketti tal-istess denominazzjoni jigborhom go borza wahda; jew jigbor il-flus loose fl-ammont ta' 100 biex wara li jigu maghduda bil-magna jintrabtu b'tag. Jghid li l-ewwel wahda kienet issir normali, mentri t-tieni wahda gieli kienet issir ukoll, tant li Henry Aquilina ukoll gieli ghenu b'dan il-mod. Jghid li huwa ressaq it-till lejn fejn kien komdu jahdem, imma hemmhekk kien hemm camera ohra li setghet taqbad x'kien qed jigri, ghax fil-coin room hemm 4 cameras, ghalkemm filmati ingiebu minn zewg cameras biss. Jghid li t-tags ikollhom bzonn jinbidlu jew meta tmurrilhom il-kolla u jinfethu, jew meta t-tag tkun xi ftit zghira u l-kart tal-flus iqattghuha. Dakinhar tal-incident kien hemm pakkett ta' 100 karta tal-€50 li bdiet titqatta' u haseb li ahjar issirilhom tag gdida: fetahhom u ftakar li kellu bzonn jigbed €100 u ghalhekk ha zewg karti minnhom, il-kumplament poggihom fil-counting-machine. Peress li kien hemm tnejn nieqsa, ha zewg karti ohra minn dawk loose, u lill-kaxxiera infurmaha b'dan. Imbaghad Shaun*

*Bonello jghaddi biex jispjega kif qabel l-2008 min kien ikun irid jigbed flus mill-Cash Centre kien jimla voucher hu, jiffirmah u jghaddih lill-kaxxiera, mentri imbaghad il-voucher beda jinhareg mill-kaxxiera mill-ewwel skond l-account number li tinghata, u jiffirmah wara; mhux l-ewwel darba li xi had ikun nesa jiffirmah, tant li hemm sezzjoni ta' nies li jiccekkjaw dawn il-vouchers u jekk xi voucher ma jkunx iffirmat, jigi ritornat ghall-firma.*

*Ir-rikorrent jispjega kif dan it-tip ta' withdrawal kien accettat mill-manager li kellhom Juliette Cotugno, imma meta imbaghad gie Pierre Grixti minflokha dan ried li withdrawals isiru mill-ATMs biss. Il-haddiema kienu draw bis-sistema ta' qabel u ghamlu petition. Dan il-manager kitbilhom lura li "preferibbilment" withdrawal mill-Cash Centre isiru t-Tnejn u l-Hamis. Jghid li l-proceduri kienu jinbidlu minn zmien ghal zmien u di fatti ma kienux jinkitbu imma jitmexxew bil-kelma biss. Jghid li kienet haga regolari li taghmel withdrawal billi lill-kaxxiera ttiha l-account number li minnu trid tigbed jew ittiha l-identity cart number li bih il-kaxxiera tkun tista' ssiblek ilkontijiet.*

*Jghid li fil-jum in kwistjoni, li kien is-Sibt, aktarx li l-ewwel qal lil Esther Said x'kien l-identity card number tieghu, imbaghad kitbilha l-account number flimkien ma' "€100" fuq bicca karta: jghid li l-karta kienet ikbar minn dik ipprezentata mill-bank, u ma jafx x'sar*

*minn din il-karta l-proprja. Xi tliet kwarti wara l-kaxxiera indunat li kienet €100 'short', u r-Rikorrent prova jghinha jinstab xi zball: m'ghadditlux minn mohhu li wara li kien taha l-identity card number verbalment u l-account number bil-kitba hija xorta ma kinitx ser ddahhallu l-withdrawal.*

*Ir-rikorrent jispjega kif f'kull jum ikollu hafna xogholijiet differenti x'jaghmel, skond il-bzonn. Hadd ma kellmu dwar xi problema qabel it-2 ta' Settembru 2009, erbat ijiem wara l-incident, fejn il-manager hadu go kamra fejn gie akkuzat li ghamel xi haga hazina u li hu kellu jikteb dwarha! Imbaghad mar jitkellem ma' shabu fuq li gara' u hajruh icempel lil Esther Said ghax forsi din tiftakar li kien talabha withdrawal: jghid li bit-telephone din qaltlu li ftakret li ssemmew xi €50, imma ma setghetx tiftakar izjed; wara ftit Mario Bartolo gie jordnalu joqghod fil-meeting room ghal numru ta' sieghat. Bdew jigu jkellmuh shabu, u giet anke l-cleaner li ssuggeriet li ggib il-borza tal-karti ghar-rimi ghal jekk kien il-kaz li huwa kiteb xi karta lil Esther. Jghid li bdew ifittxu fil-borza hu l-cleaner sa ma din sabet karta li r-rikorrent gharafha bhala karta miktuba*

*Minnu. Marru biex jghidu lil Mario Bartolo izda dan ma riedx ikellmu, imma kellem lill-cleaner, u anzi ftit wara gew jghidulu li gie sospiz mix-xoghol. Jghid li din il-haga haseb li ma kienet xejn gravi ghax hafna kienu dawn li jigbdu l-flus bl-istess mod li ghamel hu. Jghid lit ant ma ndunax li l-kaz kien gravi li lil tal-Union kellmu biss gurnata qabel deheru quddiem il-Bord tad-dixxiplina.*

*Dwar id-DVDs esebiti, mill-Bank, ir-rikorrent jinnota li f'registrazzjoni minnhom ikun hemm zewg mazzi karti tal-flus u f'daqqa wahda isir mazz wiehed, li jfisser li bejn still u iehor ikun ghadda ftit hin. Jghid li meta ressaq it-till mar taht camera ohra, imma l-filmati ta' dik il-camera qatt ma rahom; il-filmati li ingiebu f'dawn il-proceduri huwa kien rahom biss waqt il-proceduri tal-appell. Ir-rikorrent jilmenta li fil-waqt li fuq struzzjonjiet tal-manager huwa fetah il-borza quddiem camera, ma gewx prodotti il-filmati li juru din il-bicca: il-borza kienet maghluqa b'ghoqda u l-Bank suppost kellu filmati li juru lir-rikorrent jiftah din l-ghoqda fuq id-desk wara li Grace, il-cleaner, gabet il-borza mill-garage. Huwa jilmenta wkoll kif fil-filmat tad-DVD ghal xi sekondi jidhru 'shots' mehuda minn camera ohra li qeghda hdejn il-bitha, u allura jidher li sar certu "editing".*

*In kontroe-ezami, r-rikorrent jikkonferma li fil-coin-room hemm 4 cameras, u meta gie suggerit lilu li tnejn minn dawn il-cameras ma jirrekordjawx, huwa ma kienx jaf b'dan, anzi*

*huwa dejjem assuma li l-cameras kollha jirrekordjaw ghaliex is-superjuri tieghu kienu jghidulu li biex ma jkunx hemm dubji fuqu kellu jaghmel xogholu quddiem xi kamera partikolari. B'hekk huwa fehem li kull camera kienet tirrekordja u setghet tingieb bhala prova tal-innocenza tieghu. Dwar il-metodu adottat minnu fil-jum in kwistjoni ghal biex jigbed il-flus, ir-rikorrent jghid li hafna haddiema ohrajn kienu jigbdu l-flus b'dan l-istess metodu li huza hu, u regolarment; jghid li spiss kien ikun hemm haddiema li jinsew jiffirmaw ghall-withdrawal taghhom, imbaghad wara xi jum*
*jew tnejn jindunaw b'dan in-nies li jahdmu fuq u jitolbuhom jiffirmaw; din il-procedura baqghet tintuza sa ma gie biex jitlaq mill-bank. Mistoqsi ghalxiex ma ffirmax voucher jew tal-inqas ir-ricevuta tal-withdrawal, huwa jghid li Esther Said kellha tipprintjalu r-ricevuta, imma din ma pprintjatlu xejn. Dwar il-kart iz-zghira, ir-rikorrent jammetti li waqt l-interrogatorju huwa kien ghadu ma ftakarx li kien kiteb bicca karta; huwa inhasad bl-interrogatorju u kien f'paniku.*
*Xhedet Grace Bugelli, il-cleaner, u qalet li hija kienet tinghata xoghol anke li tigbor ic-cheques go boroz, ghoxrin ghoxrin. Ftakret li kien hemm okkazjoni fejn ir-rikorent kien talabha ggiblu borza tal-garbage, imma ma qalilhiex ghalfejn. Hi gabet l-ewwel wahda li giet, imma din kienet tal-oggetti mormija tal-plastic; Shaun Bonello qalilha li tal-karti ried, u din marret iggibha u tathielu, u kompliet fuq xogholha. Imbaghad innutatu jfittex f'din il-borza u staqsietu jridx ghajnuna, u qalilha biex tghinu jfittex. Hija tghid li ma tantx taf taqra, u ghalhekk staqsietu x'ser tifittex, u hu qalilha tfittex "karta mkebba".*
*Tghid li hi u tfittex "giet karta u bdejt niftaha ghax kienet qisha mitwija, hekk zghira u jien ghidtlu din hi, u qalli iva." Tghid li Shaun hadilha l-karta u hi marret lura fuq xogholha. Tghid li Mario Bonello qatt ma kellimha fuq dan il-kaz. Xhedet Diandra Camilleri li kienet tahdem kaxxiera fil-Cash Centre tal-Bank bejn l-2007 u l-2008, f'liema zmien hija kienet giet promossa ghal supervisor.*
*Tghid li hija talbet transfer minn hemmhekk wara incident fejn Esther Said ivvintat qlajja fuqha, hija ma riditx tkellimha, u l-manager Pierre Grixti kien qed jikkostringiha tkellem lil din Esther Said daqslikieku ma gara xejn. Din ix-xhud tghid li Eshter Said kienet tajba hafna f'xogholha. Dwar il-gbid tal-flus mill-impjegati, hija tghid li dan kien isir hafna drabi bl-ATM, imma xi drabi kienu jintuzaw il-vouchers sofor. Hija tispjega li f'diversi postijiet tal-bank ikun hemm dawn il-karti sofor tawwalin daqs deposit slips li jintuzaw mill-haddiema li*

*jkunu jridu jigbdu flus mill-accounts personali taghhom; dawn ikollhom il-kaxxi vojta biex min ikun irid jigbed il-flus jimla bil-biro id-dettalji necessarji, u cioe` l-account number, il-firma, l-identity card number u l-ammont li jkun ser jingibed. Hija tghid li huwa possibbli wkoll li impjegat imur ghand il-kaxxiera, itiha l-account number u din tohrog ricevuta u kopja taghha, tigi ffirmata din ir-ricevuta u l-impjegat izomm il-kopja u jiehu l-flus. Tghid li madankollu dawn il-metodi ma jintuzawx fil-coin-room ghaliex hawnhekk il-kaxxiera jkollha hafna x'taghmel u tkun wahedha, u allura mhux ser toqghod twaqqafha biex tigbed il-flus: wiehed imur fis-sala fejn hemm diversi kaxxiera li jkunu jistghu jaghmlu dan. Di fatti fil-coin-room m'hemmx vouchers sofor.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Dan huwa kaz li jipprezenta diffikulta fl-analizi tal-fatti kif esposti miz-zewg nahat peress li l-verzjonijiet tal-partijiet ftit li xejn ivarjaw minn xulxin, u l-unika differenza vera hija dwar l-intenzjonijiet li kellu r-rikorrent meta ha €100 mill-coin room.*

*Ghandu jighad mill-ewwel li l-bank intimat kellu diversi fatturi li ragjonevolment wassluh ghall-konkluzjoni li r-rikorrent mexa hazin. Ma hemmx dubju li l-verzjoni moghtija mir-rikorrent hija ammissjoni ta' att irregolari: il-bank kien jinkoraggixxi 'l haddiema jigbdu flus personali minn ATM; imbaghad l-impjegati ghamlu petizzjoni ghax riedu jibqghu jigbdu flus direttament minn gewwa, u l-manager idderigihom li dan ghandu jsir nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis. Ir-rikorrent jargumenta li huwa ddecieda li jigbed il-flus is-Sibt ghaliex din ma kinitx xi regola stretta: anke jekk kien hekk, din kienet ir-regola li ried jistabbilixi l-manager (li jigi s-superjur fuq il-haddiema*

*l-ohra); jekk ma kienx kaz ta' ksur ta' regola dan kien zgur kaz ta' insubordinazzjoni. Di piu` li jingibdu flus mill-Cash Centre ma jfissirx mill-coin-room, anzi x-xhud prodotta mir-rikorrent stess tghid li verament kien hemm zewg metodi ta' withdrawals (bil-voucher jew billi taghti l-informazzjoni lill-kaxxiera), imma tali metodi ma kienux jintuzaw fil-coin-room ghax hemmhekk ikun hemm kaxxiera wahda u jkollha hafna xoghol. Mela kieku kellna naccettaw il-verzjoni tar-rikorrent, huwa ma kienx korrett li ppretenda li jigbed flus mill-coin-room meta kien jaf li l-kaxxiera hemmhekk kienet taht pressjoni kbira. Il-bank kellu fatturi ohra li wassluh jemmen li r-rikorrent ma kienx in bona fede, bhall-fatt li fil-bidu r-rikorrent ma kienx semma li kiteb karta ghal Esther imma qal li taha l-identity card number; fattur iehor kien li meta l-kaxxiera sabet li kienet €100 "short" kienu ghaddew biss 45 minuta*

*minn meta r-rikorrent allegatament talabha withdrawal ta' €100, u allura haga bhal din wiehed kellu jassocjaha; dwar il-karta zghira bl-account number, irrizulta li l-borza tal-karti mormija infethet mir-rikorrent u minkejja c-cahda tar-rikorrent, huwa verament beda jdahhal idu gol-borza wahdu sa ma giet tghinu Grace Bugelli, li jfisser li r-rikorrent kellu l-opportunita` ipoggi dik il-karta hemm gew hu stess. Dawn il-provi iwasslu ghal indikazzjonijiet, imam mhux ghal prova konklussiva.*

*Mill-banda l-ohra dan it-Tribunal ma jara li kien hemm ebda prova valida fil-fatt li r-rikorrent fetah tag ta' mitt karta tal-€50, ghaliex fi kwalunkwe kaz huwa xorta gabar zewg karti ta' €50 minn fost dawk loose. L-anqas ma ghandha titqies prova ta' mala fede il-fatt li r-rikorrent caqlaq it-till ta' Esther Said bil-konsegwenza li l-filmati rekordjati ma setghux jaqbdu il-movimenti tar-rikorrent sew, u dan ghaliex fil-coin-room hemm cameras ohrajn li jippuntaw lejn fejn ittiehded it-till: il-fatt li l-bank qed jghid li l-cameras l-ohrajn ma jirrekordjawx ma jfisser xejn ghaliex mhix haga li r-rikorrent seta' kien jaf biha.*

*Il-bank htieglu jgib prova li r-rikorrent intenzjonalment approprja ruhu minn flus li jappartjenu lill-bank, imma l-filmati prodotti mhumiex konklussivi: per ezempju kien ikun aktar ghaqli kieku ingieb il-filmat ta' meta infethet il-borza tal-karti mormija – Grace Bugelli tghid li hija gabet il-borza maghluqa fil-kamra li fiha l-cameras. Nuqqas iehor hu li l-Bank ma jghidilniex kif giet ghandu l-karta z-zghira bl-account number miktub fuqha u esebita f' dawn l-atti.*

*Ghandu jinghad li anke il-verzjoni tar-rikorrent fiha n-nuqqasijiet taghha: per ezempju anqas ir-rikorrent ma jghidilna x'ghamel bil-karta li allegatament instabet fil-borza msemmija; ir-rikorrent jinsisti li l-cleaner offrietlu li ggiblu l-borza tal-karti mormija biex ifittxu xi karta li seta' kiteb, mentri l-cleaner xhedet b'mod konvincenti li hi anqas biss kienet taf ghalxiex intalbet iggib il-borza – tant ma kinitx taf li hasbet li r-rikorrent ried il-borza tal-plastics mormija u gabitlu dik l-ewwel. Ir-rikorrent jghid li Grace Bugelli u s-sur Aquilina kienu mieghu waqt li kien ifittex, mentri l-filmati juru hin konsiderevoli fejn huwa kien qed ifittex wahdu. It-Tribunal jinnota wkoll li l-cleaner stqarret li hija ma tantx taf taqra, u r-rikorrent qalilha biex tfittex "karta mkebba" – u hawn it-Tribunal jistaqsi kif kien jaf ir-Rikorrent li l-karta kienet imkebba? Il-cleaner stqarret li l-karta sabitha bhal mitwija. Dawn l-affarijiet kollha, flimkien mal-fatt li r-rikorrent ghazel li ma jtella' ebda xhud li jikkorrobora l-verzjoni tieghu dwar il-metodu allegatament adottat minnu biex jigbed il-flus, u mal-fatt li r-rikorrent*

*ma nsistiex ma' Esther Said biex tohroglu ricevuta biex jiffirmaha, itendu biex dan it-Tribunal ma jemminx il-verzjoni*
*tar-rikorrent.*
*Mehud kollox ma' kollox jinghad li sew jekk ir-rikorrent verament ried jigbed il-€100 mill-kont tieghu b'metodu irregolari, u sew jekk ried jiskapricca lill-bank b'€100, il-Bank kien gustifikat jissanzjona lir-rikorrent: in-nuqqas tar-rikorrent huwa aggravat bil-fatt li huwa kien supervisor, u l-bank korrettement ikklassifika l-imgieba tar-rikorrent bhala "gross misconduct" fit-termini ta' klawsola 14 tal-Ftehim Kollettiv. L-istess klawsola telenka (folio 118) is-sanzjonijiet applikabbli f'kaz ta' "gross misconduct" fejn insibu l-possibilita` ta' warning, trasferiment, telf ta' paga, tnehhija ta' performance award, tnaqqis fil-paga, sospensjoni sa sitt xhur, tnizzil fil-grad akkumpanjt bi tnaqqis ta' paga, tkeccija bin-'notice' u tkeccija immedjata; il-bank jista' japplika anke diversi sanzjonijiet f'daqqa. Tenut kont l-element ta' dubju imsemmi hawn fuq u tenut kont l-ammont ta' flus involuti, it-tkeccija immedjata ma kinitx is-sanzjoni l-aktar idonea.*
***Decizjoni***
*Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li l-bank intimat kien gustifikat fid-decizjoni li jissanzjona lir-rikorrent, imma minhabba c-cirkostanzi hawn fuq spjegati ttkeccija qed titqies bhala mizura wisq harxa. it-Tribunal jinnota li r-Rikorrent ma talabx reinstatement, u ghalhekk l-uniku rimedju disponibbli huwa ta' kumpens. It-Tribunal qieghed jiddeciedi li fi zmien hamsin (50) jum, il-bank intimat ghandu jhallas lir-rikorrent kumpens li ghandu jkun pjuttost nominali, u li qed jigi ffissat minn dan it-Tribunal fl-ammont ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00). Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."*

Illi min din is-sentenza appella Elaine sive Shaun Bonello abbazi tas-segwenti aggravju:

1. Illi ghalkemm l-appellanti jabbraccja l-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal Industrijali illi t-tkeccija tieghu minn fuq il-post tax-xoghol ma

kenitx is-sanzjoni idonja ghal fatt illi huwa naqas milli isewgi il-procedura tal-bank meta impjegat jixtieq jirtira il-flus mill-kont bankarju tieghu u dan kif stipulat fil-ftehim kollettiv iffirmat bejn il-Bank appellat u l-impjegati, madanakollu ma jara l-ebda motiv 'il ghala imbaghad huwa kellu jigi akkordat kumpens nominali fl-ammont ta' €1500 u dan minghajr ebda mottiv 'il ghala il-kumpens kellu ikun tali.

Illi kif imfassal l-uniku aggravvju sollevat mill-appellanti ma jidhirx illi id-decizjoni tat-Tribunal, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kaz, qed jigi ikkontestat. Dak li jilmenta l-appellanti huwa mill-fatt illi t-Tribunal ingustament akkorda kumpens nominali ghat-tkeccija tieghu, li giet ikkunsidrata bhala wahda ingusta, u dan minghajr edba motivazzjoni skont il-ligi. Fil-kontestazzjoni ghal dan l-uniku aggravju, il-Bank appellat jissolleva l-pregudizzjali dwar l-inappellabilita tas-sentenza impunjata stante illi ma hemm ebda punt ta' dritt attakkat fl-impunjattiva sollevata a norma ta'l-artikolu 82(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa certament fl-ordni logiku-guridiku illi din il-Qorti tinvesti *in primis* il-pregudizzjali sollevata mill-appellat dwar l-inappellabilita` tad-decizjoni billi din jista' ikollu effett fuq l-ezitu ta' dan il-gudizzju revizorju.

*"Skond is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 82 ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452) ikun hemm dritt ta' appell fil-kazijiet kontemplati f' dik id-disposizzjoni "fuq punt ta' ligi". Ghandu jigi rilevat illi in linea generali ma hemmx bzonn li dan il-punt ta' ligi jkun gie espressament definit bis-sentenza appellata billi, a differenza ta' dak li nsibu per ezempju fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitolu 356), il-ligi dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dan ma tghidux. Huwa sufficcjenti ghalhekk li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell*

*jirrizulta involut jew impliciter fid-decizjoni, in kwantu din tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellanti jikkontesta. Ara f' dan is-sens is-sentenza riportata a Vol. XL P I p 137;*

Premess il-kontenut ta' l-aggravju u tat-twegiba ghalih jinghad bl-ewwel osservazzjoni illi gja f'bosta sentenzi taghha din il-Qorti rravvizat illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza ta' punt jew ta' principju ta' dritt. Issa dak ikkontestat mill-appellanti ma jolqot l-ebda punt ta' dritt li gie investigat u deciz mit-Tribunal adit. Dak li jilmenta minnu huwa biss gudizzju ta' fatt li wasal ghalih it-Tribunal meta huwa illikwida il-kumpens dovut lill-appellanti ghat-tkeccija tieghu. Mid-decizjoni impunjata it-Tribunal dehrlu fid-diskrezzjoni akkordata lilu ghal-fissazzjoni tal-kumpens dovut, illi l-appellanti kien hati ta' *gross misconduct* fil-konfront tal-principal tieghu, izda illi t-tkeccija kienet sanzjoni estrema wisq u allura kellha tigi applikata sanzjoni iktar idonja u dan kif stabbilit fil-ftehim kollettiv. Kien abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet allura illi t-Tribunal dehrlu illi l-appellanti kien haqqu kumpens nominali u mhux kif sottomess mill-appellanti minghajr ebda motivazzjoni. Dan allura ma hu xejn hlief valutazzjoni tal-fatti esposti u applikazzjoni tad-diskrezzjoni imhollija lit-Tribunal ghal dawk l-fatti fir-rigward tal-kumpens dovut.

**"Hi l-prattika kostanti illi Qorti fi grad ta' appell ma tiddisturbax id-deskrezzjoni ta' l-ewwel tribunal dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, sakemm dan ma jirrizultalhiex li hu manifestament zbaljat, jew ghal xi raguni ohra gravi. Ara fost ohrajn, "Joan Zammit -vs- S. Borg & Sons Ltd", Appell, 19 ta' Ottubru, 2005.[1]"**

---

[1] Vassallo Godwin vs Vittoriosa Gaming Limited App. Inf.28/03/2008; ara ukoll Salvu Zahra vs John Farrugia et. – App. Inf. 18/2011

Huwa veru li, a prima vista, il-kumpens likwidat f' dan il-kaz jista' talvolta jidher minimu imma dan m' ghandux ifisser illi t-Tribunal injora l-indikaturi prefissi mil-ligi fl-Artikolu 81(2)(a) tal-Kapitolu 452, liema indikaturi kif dejjem gie deciz ma humiex ezawrjenti. **F**uq kollox l-appellanti ma indikax liema minnhom gie b'xi mod injorat mit-Tribunal, u hija gurisprudenza kostanti li din il-Qorti ghandha ragonevolment tassumi illi t-Tribunal ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant ghal dan il-motivi, u b'akkoljiment tal-pregudizzjali sollevata mill-Bank appellat, il-Qorti tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Edwina Grima

Imhallef